XEWKIJA

# KUNSILL LOKALI XEWKIJA

# IL-‘BUSINESS PLAN’

# 2011 - 2013

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni** | **2** |
| **Il-‘Mission Statement’ u l-Valuri** | **6** |
| **Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji** | **7** |
| **Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill** | **9** |
| **Previżjonijiet tal-Finanzi** | **10** |

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija matul is-sena 2010.

Il-Kunsill Lokali Xewkija huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Issa se nagħtu ħarsa lura biex naraw x'wettaq il-Kunsill matul l-aħħar sena. Wettaqna diversi xogħlijiet utli għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-Kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi Dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika l-Kunsill għandu l-kuntratt għat-Tindif tal-Latrini Pubbliċi. It-tindif tat-toroq mhux urbana qed issir mill-ħaddiema tal-Kunsill tal-iskema ex WSC u tal-iskema tal-ETC. Il-Ġbir ta' Skart Goff qed isir mill-Kuntrattur Joseph Attard. Il-Kunsill jara biex fejn jista' jtejjeb dawn is-servizzi speċjalment fit-tindif tat-toroq mhux urbani. Fl-istess toroq il-Kunsill għamel ukoll xogħol ta' livellar ta' toroq bit-torba.

Il-Kuntratt għal Tindif tat-Toroq Urbani huwa responsabbli minnu l-kuntrattur Xewkija Tigers FC. Il-Kunsill dejjem jistinka biex jara aktar indafa fir-raħal u għalhekk dejjem jieħu l-passi meħtieġa biex jara li l-Kuntrattur jagħmel dak ix-xogħol li jkun hemm bżonn.

Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku jsir mill-Koperattiva Għall-Indafa Pubblika (Għawdex). Issa għandna wkoll is-servizz ta' nhar ta' Tnejn u li mis-sena 2011 se jibda jkun nhar ta' Tlieta, dwar il-ġbir ta' skart riċiklat. Fix-xhur li ġejjien mistenni li jsir sforz akbar biex aktar skart ricikabbli jinġabar. Il-Kunsill daħal fi ftehim mal-kumpanija Greenpak li minn naħa tagħha qed tbattal u tnaddaf il-Bring in Sites li għandna fi Triq Widnet il-Baħar, Triq Ħġejjeġ, Triq Ta' Ġokk u fi Pjazza tal-Barmil. Ta' min isemmi li bil-koperazzjoni ta' Wasteserv Ltd, il-bring in sites li hemm fi Pjazza Tal-Barmil issa saru taħt l-art. Dawn huma l-ewwel bring in sites f'Għawdex li ġew installati taħt l-art. Matul l-aħħar xahar ta' din is-sena bil-koperazzjoni ta' Greenpak u l-Wasteserv qed inqassmu boroż ħodor (tal-Greenpak) lir-residenti kollha tax-Xewkija biex dawn jibdew jitfgħu l-iskart riċiklabbli fihom u li kif semmejna minn Jannar tas-sena d-dieħla se jibda jinġabar nhar ta' Tlieta.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill. Din is-sena l-ħaddiema tal-iskema IPSL tal-Pooling, żebgħu l-marki tat-traffiku kollha tat-toroq tax-Xewkija.

Il-Kunsill huwa responsabbli ukoll minn Ġnien il-Kunsill, Ġnien il-Ħaddiem, Ġnien Castelvenere, il-'Playing Field' ta' Triq Tal-Ħamrija, 'round abouts/soft areas' u Ġnejnet it-Tfal. Ix-xogħlijiet f'dawn il-ġonna qed isiru mill-ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema tal-ex WSC kif ukoll tal-iskema tal-ETC. L-istess ħaddiema jagħmlu xogħol ieħor li jkun hemm bżonn li jsir bħal per eżempju l-'patching' tat-toroq. Għalkemm il-Kunsill mhux kuntent bil-'patching' tat-toroq u jixtieq li jinksew aktar toroq bit-tarmak, kulħadd jifhem li ma tistax ma tippeċċjax il-ħsara li ssir fit-toroq speċjalment fix-xhur tax-xitwa għax inkella t-toroq jispiċċaw fi stat ħażin.

Il-ħaddiema tal-iskema tal-ETC qed jiżbgħu l-bandli kollha li għandna fil-playing fields madwar ir-raħal tagħna. Huma għamlu xogħol ta' tisbiħ fl-istess playing fields. Barra minn hekk żebgħu wkoll il-bankijiet kollha li għandna madwar ir-raħal.

Il-Kunsill kompla nstalla diversi lampi ġodda madwar ir-raħal. Il-Kunsill jirċievi diversi talbiet biex jiġu nstallati lampi ġodda f'żoni fejn għadhom mudlama. Peress li d-dwal tat-toroq ġew devoluti lill-Kunsilli, il-Kunsill irid jipproċessa u jħallas biex jeħlu dawn il-lampi l-ġodda. Pero ta' min jgħid li lampi ġodda f'toroq arterjali huma responsabbli minnhom il-Ministeru Għal Għawdex u t-Transport Malta. Il-Kunsill huwa responsabbli wkoll mill-manutenzjoni tal-bozoz li hawn madwar ir-raħal tagħna. Il-Kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol huwa Richard Cauchi. Il-bozoz li huma mwaħlin ma' arblu jew li jinsabu f'xi triq arterjali għadhom taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali u għalhekk il-manutenzjoni ta' dawn il-bozoz issir mill-Korporazzjoni Enemalta.

Bl-għajnuna tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-Proġett ta' Park Reġjonali fil-Wied ta' Mgarr ix-Xini, matul is-sajf 2010, fl-istess Wied ta' Mgarr ix-Xini tkompla l-iskavar li kien inbeda fis-snin ta' qabel. Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat u tax-Xewkija flimkien ħadmu biex issir s-sitt fażi ta' l-iskav arkeoloġiku f'Għar ix-Xiħ u anke it-tieni fażi tal-iskav fl-inħawi magħrufa bħala tal-Loġa. Dan ix-xogħol sar bil-koperazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Arkeoloġija u l-Istudji Klassiċi fi ħdan l-Universita' ta' Malta u tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Ta' min isemmi li saru 'open days' biex il-pubbliku japprezza ix-xogħol li qed isir. Is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, l-Onor. Dr Chris Said, żar dawn is-siti meta kien qed isir l-iskav ukoll. Ta' min jgħid l-applikazzjoni għall-fondi speċjali dwar dan il-proġett li għamel il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ġiet aċċettata u ser ikun qed jingħata €15,000. Għad baqa' xogħol x'isir dwar dawn l-iskav u għalhekk mistenni li jitkompla matul is-sajf 2011.

Skema speċjali oħra li l-Kunsill ibbenefika minnha hija dwar il-bini ta' latrina pubblika ġdida li nbniet fil-playingfield tal-Ħamrija matul l-aħħar nofs ta' din is-sena. Nistgħu ngħidu li din il-latrina pubblika hija lesta u fi ftit tal-ġimgħat oħra se tkun miftuħa għall-użu tal-pubbliku. Minn din l-iskema l-Kunsill irċieva €20,000 bħala għajnuna.

Il-Kunsill qed joffri servizz ta' 'internet' b'xejn għar-residenti kollha tax-Xewkija minn tlett postijiet differenti: mill-uffiċċju tal-Kunsill, mil-Librerija Pubblika u anke mill-Pjazza San Ġwann Battista. Dan tal-aħħar huwa servizz ġdid, magħruf aħjar bħala WiFi u beda jingħata f'nofs din is-sena. Għalhekk kull min ikun irid servizz tal-internet b'xejn jista' jmur fi Pjazza San Ġwann Battista. Tajjeb li tkunu tafu wkoll li l-Librerija Pubblika qed tinżamm miftuħa għal aktar ħin u l-Kunsill qed iħallas għas-servizz tal-Librara.

Fil-pjazza kif ukoll madwar il-monument ta' San Ġwann Battista li għandna fi Triq Widnet il-Baħar ħadna ħsieb li kull staġun nħawlu fjuri ġodda u b'hekk nagħtu dehra isbaħ lil dawn il-postijiet. Barra li jixtri u jħawwel ix-xtieli l-Kunsill jieħu ħsieb it-tisqija li jkun hemm bżonn matul ix-xhur sħan tas-sajf.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena il-Kunsill qed ifakkar Jum ix-Xewkija billi nieħdu sehem fil-quddiesa u jsiru kompetizzjonijiet għall-istudenti tal-iskola primarja. Għar-raba' sena konsekuttiva l-Kunsill organizza l-kampanja Il-Ktieb Teżor fejn tfal tal-Kinder ingħataw kotba adattati għalihom. L-istess tfal kantaw waqt is-serata li tkun organizzata fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija. Fil-bidu ta' Novembru ġiet organizzata wkoll il-Wirja tal-Għasafar bil-koperazzjoni tal-Gozo Bird Breeders Association. Saru wkoll attivitajiet sportivi fosthom tournament tal-Football Under 10. Bil-koperazzjoni tal-Kap tal-Iskola Primarja

u tal-Greenpak ġiet organizzata kampanja edukattiva dwar ġbir ta' skart riċiklabbli fejn it-tfal kienu mħeġġa jiġbru l-akbar ammont ta' skart riċiklabbli. Din il-kampanja kienet suċċess u l-Kunsill mhux biss ippremja lill-aktar klassi li ġabret skart riċiklabbli matul Novembru iżda lill-klassijiet kollha peress li kollha taw is-sehem tagħhom. Ġie organizzat ukoll il-programm mużikali mill-Banda Prekursur. Waqt l-istess attivita ngħata wkoll il-Premju Ġieħ ix-Xewkija li din is-sena ntrebaħ minn Anthony Grima.

Il-Kunsill Lokali tat-Tfal, li issa ilu aktar minn sena jaħdem fuq inizzjattivi u proġetti għall-iskola ta rendikont tax-xogħol li wettaq u li bi ħsiebu jagħmel matul is-sena li ġejja. Fost affarijiet oħra beda l-proġett tal-pittura l-kbira biex titpoġġa fis-sala tal-iskola, ser jinżebgħu t-turġien tal-ground tal-iskola biex jagħtu dehra isbaħ lill-istess post u xogħlijiet oħra. Infakkru li dan il-Kunsill huwa magħmul minn studenti tal-istess skola. Il-Kunsill Lokali qed jagħti baġit lil dan il-Kunsill biex ikun jista' jwettaq il-proġetti li semmejna u li huma mportanti għall-iskola.

Fi żmien il-Milied 2010 il-Kunsill qed jorganizza party għat-tfal kollha mix-Xewkija. Tiġi organizzata ukoll ħarġa għall-anzjani. L-anzjani jittieħdu jaraw diversi presepji madwar Għawdex u wara l-ħarġa jkunu mistiedna għall-ikla li ssir fl-Arka Foundation fejn anke tiġi organizzata t-tombla. Din is-sena ġiet organizzata wkoll mixja b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill ħa ħsieb biex għal darb'oħra jagħmel it-tiżjin tal-Milied fi Pjazza San Ġwann Battista kif ukoll fi Triq il-Knisja. Din is-sena nxtara materjal (it-tinsil) ġdid peress li bil-maltemp tas-snin l-oħra kien spiċċa.

Ta' kull sena l-Kunsill jorganizza diversi attivitajiet fi żmien il-Karnival. Ma jonqsux il-kompetizzjonijiet għall-aħjar kostumi u karrijiet. Saret l-isfilata bil-karrijiet immexxija minn Banda Prekursur, serata fejn kienu mistiedna kumpaniji taż-żfin bil-kostum, karrijiet u maskri grotteski u serata oħra fejn saret il-kummittiva u l-kukkanja. Matul il-ħamest ijiem tal-Karnival kien hemm ukoll il-Karnival tradizzjonali, dak spontanju bis-sehem ta' daqqaqa bi strumenti tradizzjonali. Din is-sena kelna aktar attivitajiet minn snin preċidenti. Il-Kunsill għamel applikazzjoni taħt l-iskema tal-attivitajiet li ġiet aċċettata u permezz tagħha ingħata għajnuna ta' €3,000. mis-Segretarjat Parlamentari Għall-Kunsilli Lokalik, li għenu sabiex intaffu ftit mill-ispejjeż meħtieġa sabiex isir il-Karnival.

F'April, fi Triq Santa Theodora, ġiet organizzata serata mużikali bis-sehem ta' The Island Brass. Din l-attivita saret bil-koperazzjoni ta' Mro Colin Attard. Fl-istess serata dawk preżenti kellhom l-opportunita li jaraw l-eqdem arlaġġ tax-xemx li hawn fil-gżejjer tagħna li jinsab fi proprjeta f'dan l-isqaq.

Il-Kunsill organizza diversi korsijiet matul is-Sajf 2010 fosthom dwar Basic Arts, Art Attack, Clay Modelling, Flower and Jewellery Beading, Ingliż, Malti, Matematika u Story Telling. Matul ix-xhur tax-xitwa qed norganizzaw kors ieħor dwar l-Embroidery. Dawn il-korsijiet kollha jsiru fl-iskola primarja wara l-ħinijiet tal-iskola.

Flimkien mal-Kumitat tan-Nar, ġiet organizzat għall-ewwel darba Wirja tal-Muturi u Talent Lokali. Din saret ftit jiem qabel l-festa tar-raħal. Fl-okkażżjoni tal-festa tar-raħal sar Defile taż-żwiemel. Il-Kunsill ta' kull sena jgħin mill-aħjar li jkun jista' biex il-festa ta' San Ġwann Battista tkun organizzata bl-aħjar mod possibbli.

Fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras, il-Kunsill organizza l-ħuġġieġa ta' San Ġwann. Din kienet it-tielet sena konsekuttiva li l-Kunsill organizza din l-attivita u b'hekk din it-tradizzjoni fix-Xewkija qed terġa' tingħata l-ħajja.

Fil-bidu ta' Settembru organizzajna l-Wirja tal-Annimali. Kien hemm kategoriji taż-żwiemel, tan-nagħaġ u tal-mogħoż. Għar-raba' sena konsekuttiva, ġiet organizzata wkoll il-wirja tal-klieb. Nirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex din l-attivita' setgħet issir speċjalment lill-isponsors li għenu biex din il-wirja tkun tista' ssir bla ma tkun ta' piż finanzjarju għall-Kunsill.

Il-Kunsill organizza wkoll attivitajiet sportivi għal kull eta'. Sezzjonijiet sportivi li ġew organizzati matul is-sena 2010 'Schools on the move' li huma mmirati għat-tfal tal-iskola, Pilates, General Fitness u Aerobics li dawn kienu immirati aktar għal dawk l-adulti li ma jipprattikawx xi sport ieħor. Dawn il-korsijiet setgħu jsiru bil-koperazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Malti Għall-Isports u tas-Segretarjat Parlamentari Għaż-Żgħażagħ u Sport. Dawn il-korsijiet u oħrajn ser jerġgħu jsiru matul is-sena 2011 wara li l-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu dwar l-iskema tal-isports ġiet aċċettata.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

**Av. Monica Vella**
**Sindku**

## 2.1 Il-'Mission Statement'

Il-Membri kollha tal-Kunsill jaħdmu bis-sħiħ biex iżommu il-wegħda li għamlu sabiex jaħdmu għal Xewkija dejjem aħjar. Il-Kunsill jipprova kemm jista' biex isolvi l-problemi u mhux jisma' l-ilmenti biss. L-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilta ta' Dipartimenti jew Korporazzjonijiet tal-Gvern jiġu mgħoddija mill-ewwel lill-Awtorita' konċernata permezz tas-sistema tal-Customer Care.

## 2.2 Il-Valuri

Dawn huma il-valuri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija

- Effiċċjenza, trasparenza u amministrazzjoni effettiva
- Jinvolvi lill-abitanti fix-xogħlijiet li jkun qed iwettaq
- Iżomm lir-residenti nfurmati b'dak li jkun qed iwettaq il-Kunsill
- Idaħħal is-sens ta' patrijottiżmu fost l-abitanti

## 3.1 Għanijiet u riżultati matul l-aħħar tlett snin (2008/2010)

| **Għanijiet** | **Riżultati** |
|---|---|
| It-Toroq | Saru numru ta' toroq bit-tarmak iżda għad baqa' ħafna xi jsir. Il-Kunsill għandu bżonn aktar fondi biex ikun jista' jirranġa aktar toroq. Saru ukoll bankini f'diversi toroq. |
| Re Surfacing ta' Toroq | Triq tal-Kanal, Triq Ħġejjeġ, Triq Kav. L. Z. Haber, Triq San Indrija, Triq Gruwa, Triq Santa Katerina u Triq San Ġwann Battista ġew miksija bit-Tarmak. Inbidlu wkoll is-servizzi ta' l-ilma u fejn kien hemm bżonn inbidel ukoll il-'main'. Fi Triq San Indrija u Triq Gruwa sar ukoll il-'Storm Water Culvert'. |
| Recreational Areas | Il-ġonna pubbliċi kollha qed jinżammu fi stat tajjeb. Fil-Playing Field ta' Triq tal-Ħamrija nbniet latrina pubblika ġdida. |
| Ambjent | Flimkien mal-Kunsill Lokali Sannat twaqqaf Action Committee biex imexxi l-quddiem il-proġett ta' Wied Mġarr ix-Xini - Mgarr ix-Xini Regional Park. |

## 3.2 Għanijiet u riżultati mistennija matul it-tlett snin li ġejjin (2011/2013)

| **Għanijiet** | **Riżultati Mistennija** |
|---|---|
| Re-Surfacing ta' Toroq | Il-Kunsill qed jippjana li jiksi kemm possibbli toroq bit-tarmak l-aktar dawk it-toroq li jinsabu fi stat diżastruż. Il-Kunsill applika wkoll għal fondi mill-iskema Public Private Partnership biex jinksew aktar toroq bit-taramk. |
| Upgrading | Se tiġi upgraded il-latrina pubblika li hemm fi Pjazza San Ġwann Battista |
| Non Urban Area | Il-Kunsill jixtieq ukoll li jagħti mportanza lit-toroq u l-ambjent fiz-zoni mhux urbani. Dawn għandhom jkunu aċċessibbli biex jitgawdew mir-residenti. |

### 3.3 Strateġiji

Għas-snin 2011/2013, l-istrateġiji tal-Kunsill huma :-

- ikompli jeduka u jinforma lir-residenti bl-inizzjattivi li jieħu l-Kunsill
- jara li jkollu l-aħjar servizzi bl-irħas prezz possibbli minn għand il-Kuntratturi kollha
- jinkoraġixxi djalogi u teamwork bejn kumitati u organizzazjonijiet li qegħdin fl-istess raħal

## 4.1 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hija mwaqqfa mill-Kunsill innifsu, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Assistent Prinċipal, mill-ħaddiema ta' l-iskema ta' 'ex WSC' u mill-Contracts Manager.




Is-Segretarju Eżekuttiv huwa involut fix-xogħol Amministrattiv kollu tal-Kunsill. Flimkien ma' l-Asst. Prinċipal u l-iskrivana (mill-iskema ta' ex WSC) huwa jilqa' ukoll l-ilmenti u s-suġġerimenti li jkollhom ir-residenti.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija huwa ffurmat minn ħames membri, is-Sindku, Viċi Sindku u tliet Kunsilliera. Ilkoll flimkien dejjem naħdmu għall-ġid tar-raħal tax-Xewkija. Bħal kull Kunsill Lokali ieħor il-Kunsill Lokali tax-Xewkija għandu il-funzjonijiet tiegħu x'jaqdi. Ħafna mix-xogħol isir permezz tal-Kuntratti li għandu mad-Dipartimenti tal-Gvern, mal-Koperattivi u anke ma' kuntratturi privati.

Il-Kunsill huwa impenjat jara li jieħu s-servizz ta' dak li jkun qed iħallas għalih. Fil-fatt il-Kunsill ġieli ħa l-passi meħtieġa biex ix-xogħol isir skond l-ispeċifikazzjonijiet li jkun hemm fil-kuntratt. Minbarra ix-xogħlijiet li jsiru permezz ta' dawn il-Kuntratti, l-Kunsill għamel ukoll diversi proġetti mportanti għar-raħal tax-Xewkija. Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll li jorganizza attivitajiet kulturali. Ta' kull sena qed jiġi mfakkar Jum ix-Xewkija, filwaqt li jsiru diversi attivitajiet matul is-sena fosthom fil-Karnival.

Jiena ċert li r-residenti japprezzaw is-sagrifiċċji li qed jagħmlu l-membri kollha tal-Kunsill li jaħdmu id f'id għal ġid tar-raħal tax-Xewkija.

Ruben Cassar

## 5.1 Stima Finanzjarja għal tlett snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2011 (EURO) | b<br>BUDGET 2012 (EURO) | c<br>BUDGET 2013 (EURO) | c-b<br>BUDGET 2011 - 2013 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | **331,570.00** | **342,000.00** | **347,000.00** | **1,020,570.00** |
| 0020 | Bye-Laws | **12,500.00** | **12,500.00** | **13,500.00** | **38,500.00** |
| 0090 | Investment | **300.00** | **350.00** | **400.00** | **1,050.00** |
| | TOTAL | **344,370.00** | **354,850.00** | **360,900.00** | **1,060,120.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | 67,300.00 | 69,600.00 | 71,400.00 | 208,300.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 189,100.00 | 192,150.00 | 193,900.00 | 575,150.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 87,000.00 | 92,000.00 | 95,000.00 | 274,000.00 |
| | TOTAL | **343,400.00** | **353,750.00** | **360,300.00** | **1,057,450.00** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **970.00** | **1,100.00** | **600.00** | **2,670.00** |
| | **BROUGHT FORWARD** | | 970.00 | 2,070.00 | |
| | **CARRY FORWARD** | 970.00 | 2,070.00 | 2,670.00 | 2,670.00 |

## 5.2 Noti

- Dħul - L-Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali ġiet ikkalkulata li tiżdied b'madwar €5,000 kull sena.
- Infieq - Iż-żieda tqasmet bejn Personal Emoluments minħabba żieda fil-pagi li jista' jkun hemm u Repair u Upkeep u Contractual Services sabiex tingħata aktar importanza lit-toroq u postijiet pubbliċi.

## 5.3 Stima ta' Dħul għal Tlett Snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (EURO) | BUDGET 2012 (EURO) | BUDGET 2013 (EURO) | BUDGET 2011 – 2013 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | | | | |
| 0001 | Annual | 306,570.00 | 312,000.00 | 317,000.00 | 935,570.00 |
| 0002 | Supplementary | | | | |
| 0003 | Special needs | 25,000.00 | 30,000.00 | 30,000.00 | 85,000.00 |
| 0004 | Public/government entities | | | | |
| 0015 | Other | | | | |
| | | **331,570.00** | **342,000.00** | **347,000.00** | **1,020,570.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Community services | 1,500.00 | 1,500.00 | 2,000.00 | 5,000.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,500.00 | 3,500.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | | | |
| 0066 | General services | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| | | **12,500.00** | **12,500.00** | **13,500.00** | **38,500.00** |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Bank interest | 300.00 | 350.00 | 400.00 | 1,050.00 |
| 0096 | Government securities | | | | |
| | | **300.00** | **350.00** | **400.00** | **1,050.00** |
| | **TOTAL** | **344,370.00** | **354,850.00** | **360,900.00** | **1,060,120.00** |

## 5.4 Stima ta' Infieq għal Tlett Snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (EURO) | BUDGET 2012 (EURO) | BUDGET 2013 (EURO) | BUDGET 2011 - 2013 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| | Personal Emoluments | | | | |
| 1000 | Mayor's allowance | 16,000.00 | 17,000.00 | 17,500.00 | 50,500.00 |
| 1100 | Employee salaries and wages | 42,000.00 | 43,000.00 | 44,000.00 | 129,000.00 |
| 1200 | Bonuses | 575.00 | 575.00 | 575.00 | 1,725.00 |
| 1300 | Income supplements | 525.00 | 525.00 | 525.00 | 1,575.00 |
| 1400 | Social Security contributions | 4,200.00 | 4,300.00 | 4,400.00 | 12,900.00 |
| 1500 | Allowances | 4,000.00 | 4,200.00 | 4,400.00 | 12,600.00 |
| 1600 | Overtime | | | | |
| 1700 | | **67,300.00** | **69,600.00** | **71,400.00** | **208,300.00** |
| | Operations and maintenance | | | | |
| 2000 | Utilities | 7,500.00 | 7,500.00 | 7,500.00 | 22,500.00 |
| 2100 | Materials and supplies | 500.00 | 500.00 | 600.00 | 1,600.00 |
| 2200 | Repair and upkeep | 45,000.00 | 45,000.00 | 48,000.00 | 138,000.00 |
| 2300 | Rent | 400.00 | 400.00 | 500.00 | 1,300.00 |
| 2400 | International memberships | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 2500 | Office services | 5,000.00 | 5,500.00 | 6,000.00 | 16,500.00 |
| 2600 | Transport | 500.00 | 750.00 | 800.00 | 2,050.00 |
| 2700 | Travel | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 2800 | Information services | 2,000.00 | 2,250.00 | 2,250.00 | 6,500.00 |
| 2900 | Contractual services | 75,000.00 | 80,000.00 | 85,000.00 | 240,000.00 |
| 3000 | Professional services | 25,000.00 | 20,000.00 | 10,000.00 | 55,000.00 |
| 3100 | Training | 400.00 | 400.00 | 400.00 | 1,200.00 |
| 3200 | Community and hospitality | 25,000.00 | 27,000.00 | 30,000.00 | 82,000.00 |
| 3300 | Incidental expenses | 800.00 | 850.00 | 850.00 | 2,500.00 |
| 3400 | | **189,100.00** | **192,150.00** | **193,900.00** | **575,150.00** |
| | Capital expenditure | | | | |
| 7000 | Acquisition of property | | | | |
| 7001 | Construction | 50,000.00 | 50,000.00 | 53,000.00 | 153,000.00 |
| 7100 | Improvements | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| 7200 | Equipment | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 7300 | Special programmes | 25,000.00 | 30,000.00 | 30,000.00 | 85,000.00 |
| 7500 | | **87,000.00** | **92,000.00** | **95,000.00** | **274,000.00** |
| | **TOTAL** | **343,400.00** | **353,750.00** | **360,300.00** | **1,057,450.00** |